IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# It-Tmien Legislatura

# Laqgħa Numru 08

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u kwart ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Vici-Sindku
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier

**SKUŻATI B`APOLOGIJA:**

Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

**08.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija**

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li s-Sur Jason Portelli talab biex jigi skuzat minhabba ragunijiet ta` safar. Din it-talba giet milqugha minn dawk prezenti.

**08.2 Korrispondenza**

08.2.1 Is-Sindku prezenta l-applikazzjoni tar-Restawr tal-Postijiet Storici, fejn il-Kunsill applika ghar-restawr tal-faccata tal-Berga ta` Franza.

08.2.2 Prezentata l-applikazzjoni dwar l-Iskema SPI/SCI/14-2019 Finanzjarja favur il-Komunita, fejn il-Kunsill applika sabiex jkollu Social Media Communicator.

08.2.3 Prezentata Cirkulari AKL 2019/093 rigward social media, fejn il-Kunsill informa lill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li l-Kunsill ghamel applikazzjoni tal-iskema SPI/SCI/14-2019.

08.2.4 Gie prezentat ilment li ntbghat minghand resident fuq il-mezzi socjali indirrizzat lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni tal-caravans fi Triq Salle Porte, fejn is-Sindku qed jigi insilwat li ma halliex residenti mill-Birgu jarmaw il-caravans taghhom, u fejn fil-prezent hemm caravans armati minn nies minn lokalitajiet ohra. Dwar dan il-Kunsill informa diga lill-awtoritajiet ikkoncernati biex jitnehhew il-caravans.

08.2.5 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti dwar l-inizjattiva tal-Zero Waste Future, fejn intbaghtu l-granet meta rapprezentati minn barra ser jigu l-Birgu biex jibdew jimplimentaw din l-inizjattiva.

08.2.6 Wara li ntalbu l-kwotazzjonijiet ghall-magna li titwi l-karti, is-Sindku nofrma lil dawk prezenti li kien hemm kumpanija wahda li baghtet il-kwotazzjoni ghal prezz ta` 931.61Euros. Is-Sindku kompla zied jghid li magna ser tinxtara minhabba li l-Kunsill jqassam diversi ittri u karti matul is-sena u ghalhekk din ser theffef il-process biex jigu mitwija dawn il-karti. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

08.2.7 Prezentata ittra li ntbghatet lill-LESA dwar is-servizz ta` gwardjani fil-lokalita tal-Birgu, fejn il-Kunsill talab biex issir aktar spezzjoni mill-gwardjani f`certu toroq fil-lokalita. Il-Kunsill talab ukoll sabiex issir laqgha ma` rapprezentant tal-LESA biex tigi diskussa s-sitwazzjoni tal-boroz tal-iskart li jinhargu mhux fil-gurnata jew jitqieghdu fejn il-bring in sites. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

08.2.8 Giet moqrija korrispondenza li ntbghatet lic-CEO tal-Kumpanija Green MT, fejn il-Kunsill ghal darb`ohra rega` talab sabiex il-bins tar-recycle jinbidlu ghal dawk godda u ikbar u dan ghal fatt li sa` llum dawn ghadhom ma nbidlux.

08.2.9 Prezentata Cirkulari Nru 17/2019 dwar Komunitajiet Cpied tos – fuq id-Diretttivi/Cirkularijiet.

08.2.10 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill wera interess fi progett bl-isem Seas of Peace, liema progett jaqa` taht il-programm Europe for Citizens - Network of Towns.

08.2.11 Prezentat progett li jitratta fuq Euroscepticism taht il-programm Europe for Citizens. Il-Kunsill wera l-interess tieghu f`dan il-progett.

08.2.12 Prezentat progett li jitratta fuq demokrazija, integrazzjoni, innovazzjoni fost ohrajn, liema progett jaqa` taht il-programm Europe for Citizens, Network of Towns. Il-Kunsill wera l-interess tieghu f`dan il-progett.

08.2.13 Prezentata l-korrispondenza li l-Kunsill ircieva mill-Ministru tal-Gvern Lokali, fejn giet milqugha n-nominazzjoni ta` Deputat Segretarju Ezekuttiv, is-Sinjura Beverly Saliba.

08.2.14 Giet moqrija korrispondenza li ntbaghtet mis-Segretarju tal-Kazin Laburista sabiex jinghatlhom il-permess biex jigu nstallati zewg bollards quddiem l-imwejjed u siggijiet tal-istess kazin. Il-Vici Sindku talab sabiex il-parkegg ta` Triq il-Mina l-Kbira jinqaleb. Dwar dan ma ttiehditx decizjoni.

08.2.15 Prezentata Direttiva 3/2019 – Contracts Manager. Il-Kunsill qabel unaniment li ghandha tohrog tender ghal din sejha.

08.2.16 Moqrija korrispondenza li ntbaghtet mis-Socjeta Storiko Kulturali Vittoriosa dwar Jum il-Birgu 2019 dwar l-attivitajiet li ser issiru waqt din l-okazzjoni.

08.2.17 Prezentata korrispondenza dwar progett (European Twinning Path), liema stedina ntbghatet mill-Kunsill ta` Maruggio. Il-Kunsill wera l-interess tieghu f`dan il-progett.

08.2.18 Mibughta korrispondenza lill-Onorevoli Glen Bedingfield dwar progetti kapitali li ghadhom pendenti fil-lokalita tal-Birgu, fosthom progett tal-pjazza, upgrading tal-Belveder fi Triq La Vallette fost ohrajn.

08.2.19 Mibughta korrispondenza lill-Onorevoli Ministru Joe Mizzi dwar il-gibjuni fil-Birgu, fejn il-Kunsill ghamel talba lill-istess Ministru biex dawn il-gibjuni jigu mnaddfa u ssirilhom il-manutenzjoni mehtiega biex dawn jibdew jintuzaw.

08.2.20 Prezentat rapport li gie mhejji mill-kumpanija Galea Curmi Engineering dwar il-konsum ta` dawl li qed jigeneraw l-ufficini tal-Kunsill u dan ghal fatt li l-Kunsill xtaq ikun jaf jekk il-metre tal-paneli hux qieghed jahdem tajjeb. Mir-rapport jidher li kollox qieghed jahdem tajjeb. Is-Sindku propona li ghandhom jizdiedu l-paneli hekk kif tohrog xi skema relatata.

08.2.21 Prezentata korrispondenza li ntbghatet mill-kazin tal-banda Prince of Wales Own, fejn wrew l-interess li jtellu program vokali u strumentali nhar il-Gimgha 11 ta` Ottubru f` Couvre Porte, liema attivita tkun parti mill-attivitajiet li ser issiru fil-Birgufest 2019. Din it-talba giet milqugha u approvata unaniment.

08.2.22 Prezentat progett tal-Erasmus + bl-isem *"I`m European! My Future is Europe"* , Il-Kunsill wera interess tieghu f`dan il-progett.

08.2.23 Prezentata kwotazzjoni minn kumpanija li tiehu hsieb il-gonna u manutenzjoni mehtiega. Din il-kwotazzjoni ingabet minhabba l-manutenzjoni tal-Foss, u dan ghal fatt li hekk kif jiskadi l-kuntratt, il-Kunsill ikollu diga ideja kemm ser tigi tiswieh din il-manutenzjoni.

08.2.24 Moqrija korrispondenza li ntbghatet mill-Kumitat Festi Esterni San Lawrenz dwar it-tappieri ghat-toqob tal-arbli, fejn il-Kunsill gie mitlub jekk dejjem possibli li jaghmel dawn it-tappieri. Il-Kunsill approva unanimament din it-talba.

08.2.25 Mibughta korrispondenza lis-Sur Robert Schembri mill-Infrastructure Malta dwar xogholijiet ta` rikostruzzjoni tat-toroq fil-Birgu. Il-Kunsill talab

sabiex isiru Triq il-Kunvent u Triq Bettina peress li jinsabu fi stat hazing hafna u li konsegwenza ta` dawn il-hsarat qed jinholoq inkonvenjent lir-residenti.

08.2.26 Moqrija korrispondenza li ntbaghtet lis-sidien tal-hwienet li qeghdin fil-Waterfront, fejn gew infurmati li mit-Tnejn 19 ta` Awwissu l-iskart domestiku kollu tal-istabillimenti kummercjali irid jinhareg u jitpogga fuq il-bankina ta` quddiem l-istabilliment.

08.2.27 Prezentat il-kuntratt tal-progett tal-bandli. Is-Sindku staqsa lil dawk prezenti jekk kienx hemm xi punti li jridu jigu rrangati qabel ma jigi ffirmat. Dan gie approvat minn dawk prezenti.

08.2.28 Prezentata korrispondenza dwar LivCom Awards: International Awards for Liveable Communities 2019 li ser ssir f`Ruma, fejn gejna nfurmati li data biex tintbghat il-prezentazzjoni giet estiza ghall-20 ta` Ottubru.

08.2.29 Prezentata korrispondenza dwar proposta ta` progett bl-isem Seas of Peace fejn il-Kunsill gie nfurmat li din il-proposta giet mibughta ghall-approvazzjoni. Ghal dan il-progett hemm erbgha partners minn tlett pajjizi differenti.

08.2.30 Giet moqrija korrispondenza li ntbghatet lill-Onorevoli Segretarju Parlamentari Silvio Parnis dwar il-progett tal-pavimentar tal-Pjazza, fejn sa` llum ghadhom ma nbdewx ix-xoghlijiet li kienu gew mhabbra li ser ssiru aktar minn sena ilu.

08.2.31 Gie diskuss il-kuntratt tal-bandli, fejn dan gie approvat minn dawk prezenti.

08.2.32 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill gie mitlub mill-editur tal-magazine il-Bizilla sabiex jintbghatu lilu ritratti tal-Birgu u tal-Birgu by Candlelight u dan sabiex jitella` artiklu fuq l-istess magazine bhala reklam tal-Birgufest. Il-Kunsill bghat dawn ir-ritratti.

08.2.33 Giet diskussa l-korrispondenza li ntbghatet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar ir-responsabilitajiet tal-Kunsilliera, fejn l-istess Dipartiment gibed ghall-attenzjoni tal-istess Kunsill, li l-ebda settur ma jista` jkun responsabbli tieghu kull kunsillier. Is-Sindku spjega li settur tal-kultura huwa settur li kull wiehed minnhom ghandu x`joffri fih u hemm element b`sahhtu u huwa ghalhekk li jaqbel li kulhadd ghandu jkun responsabbli tieghu. Is-Sur Anton Gellel propona lill-Vici Sindku biex ikun responsabbli minn dan is-settur peress

li ghandu diversi esperjenzi. Is-Sindku talab sabiex terga` tinkiteb ittra lid-Dipartiment u jispjega ahjar il-hsieb tal-Kunsill dwar dan.

**08.3 Birgufest 2019**

08.3.1 Gew prezentati l-kwotazzjonijiet tas-sistema tas-sound u tas-sistema ta` dawl ghall attivita tal-Birgufest 2019, fejn il-Kunsill approva unanimament l-irhas offerti.

**08.4 European Week for Waste Reduction Application Form**

Is-Sindku staqsa lill-Vici Sindku dwar il-progress li kien hemm dwar din l-applikazzjoni. Is-Sur Cassar nforma lil dawk prezenti li ser jibghat il-lista ta` suppliers lill-Kunsill biex ikun jista` jibghat ghal kwotazzjonijiet ta` dawn il-basktijiet.

**08.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

08.5.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li gie avvcinat minn organizattur tal-half marathon, fejn gejna nfurmati li matul l-ewwel gimgha ta` April 2020 ser titella` half marathon tal-Kottonera flimkien ma` tlett kunsilli l-ohra. Dwar dan ghad m`hemm xejn deciz.

08.5.2 Is-Sindku ssugeriexxa li tinkiteb ittra lill-Transport Malta dwar Triq it-8 ta` Dicembru u dan sabiex isir alignement ta` triq, u jigi studjat ahjar fejn tista` ssir zebra crossing.

**08.6 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

08.6.1 Is-Sur Anton Gellel, Kunsillier informa lil dawk prezenti li nhar is-Sibt 21 ta` Settembru saret attivita tal-Clean Up Day bl-ghajnuna ta` diversi volontiera, specjalment dawk barranin. Ghal din l-inizjattiva, l-Kunsill ha hsieb li jixtri ngwanti, boroz u materjal iehor li kien hemm bzonn.

08.6.2 Il-Vici Sindku nforma lil dawk prezenti li waqt Triathlon li kienet ser ssir l-weekend ta` wara l-Birgufest 2019, li ser tigi organizzata wkoll regatta bhala parti mill-attivita li ser ssir.

08.6.3 Il-Vici Sindku ssugerriexa li ghal zmien il-Milied issir Christmas Market bejn it-tlett ibliet tal-Kottonera matul ix-xatt kollu mill-Isla sal Birgu. Dan is-

suggeriment sar wara li fuq il-midja socjali kien hemm dan il-proponiment li ntlaqa` tajjeb hafna mir-residenti tal-Birgu u tal-ibliet l-ohra. Dwar dan kien hemm rispons pozittiv minn dawk prezenti u gie deciz li wiehed ghad irid jara sewwa x`tinvolvi attivita bhal din.

08.6.4 Is-Sur Anton Gellel ghamel referenza ghan-nixfa u telqa li hemm fejn hemm il-munument tal-Papa, fejn il-haxix jinsab kollu niexef u li jaghmel kuntrast kbir mall-kumplament tal-haxix li hemm f`dik iz-zona. Is-Sur Boxall nforma lil dawk prezenti li s-sistema tal-irrigation gew mitfija u dan ghal fatt li s-Sur Mario Farrugia, CEO tal-Fondazzjoni Wirt Artna gibed ghal attenzjoni li kull darba li kien qed jinghata l-ilma, kien qed joskura ammont ta` ilma fis-shelters u fil-muzew tal-gwerra.

08.6.5 Il-Vici Sindku nforma lil dawk prezenti li gie avvicinat minn persuna li wriet l-interess biex tibda taghmel sezzjonijiet ta` Creative Story Sessions, sezzjoni ta` siegha fil-gimgha minghajr hlas. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**08.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta` filghaxija (8.00pm). Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 15 ta` Ottubru 2019 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum 2 ta` Dicembru 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |